# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT

## ONOR. MARK CHETCUTI LL.D.

## ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2018**

**Kawża Numru 1**

**Appell Numru 35/16/1JVC**

Sharon Rose **ROCHE** *nee'* Bellamy

vs

**ID-DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT GĦALL-*ISTANDARDS* FIL-ĦARSIEN SOĊJALI** u l-Avukat Jean Paul Grech in rappreżentanza tal-imsiefer Dean Michael Roche

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula mir-rikorrenti appellanti b'rikors tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2017[1], li bih u għar-raġunijiet minnha hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti biex tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

[1] Paġġ. 347B sa 347F tal-Att tal-Appell

skond l-artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (aktar ’il quddiem imsejjaħ “it-Trattat”), biex titlob kjarifika u direzzjoni minn dik il-Qorti dwar il-kwestjoni ta’ liema mid-dispożizzjonijiet ta’ xi artikoli mir-Regolament Komunitarju hemm imsemmi jipprevalu quddiem qorti nazzjonali biex jagħtuha s-setgħa tisma’ u taqta’ kawża bħal dik li dwarha fetħet din il-kawża tagħha tallum;

2. Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur appellat fis-16 ta’ Ottubru, 2017[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li ma jeżistux ir-raġunijiet biex it-talba tal-appellanti tintlaqa’;

3. Rat it-Tweġiba mressqa mill-Avukat Jean Paul Grech għall-appellat Dean Michael Roche fis-17 ta’ Ottubru, 2017[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li ma jeżistux ir-raġunijiet biex it-talba tal-appellanti titntlaqa’;

4. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri estensiva tar-Rikors mill-avukati tal-partijiet;

5. Rat in-Nota ta’ Riferenzi[4] mressqa mid-Direttur appellat waqt l-istess smigħ;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża relattivi għall-kwestjoni mqanqla bl-imsemmi Rikors, magħduda n-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-avukat tal-appellanti waqt l-imsemmi smigħ[5];

7. Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Novembru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum biex jingħata l-provvediment mitlub;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi r-rikorrenti appellanti qiegħda titlob lil din il-Qorti tibgħat mistoqsija lill-imsemmija Qorti tal-Ġustizzja biex mingħandha tieħu

[2] Paġġ. 352 *et seq* tal-Atti tal-Appell
[3] Paġġ. 355 – 6 tal-Att tal-Appell
[4] Paġġ. 362 – 8 tal-Atti tal-Appell
[5] Paġġ. 369 sa 394 tal-Atti tal-Appell

direzzjoni dwar it-tħaddim ta' liġi Komunitarja u li tagħmel dan qabel ma jitkompla s-smigħ u t-trattazzjoni tal-appell imressaq minnha quddiem din il-Qorti;

9. Illi l-appellati jwarrbu s-siwi tat-talba tal-appellanti għal bosta raġunijiet imsemmija fit-Tweġibiet rispettivi tagħhom u kif ukoll f'Nota ta' Riferenzi li l-appellat Direttur ressaq waqt li kienet qiegħda ssir it-trattazzjoni tar-Rikors;

10. Illi t-talba tallum saret wara li l-appellanti kienet appellat minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ewwel Qorti") fit-2 ta' Diċembru, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, kienet laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat imqajma miż-żewġ partijiet imħarrkin. It-talba waħdanija tal-appellanti fir-rikors tagħha tal-appell hija biex "dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-'*res judicata*' u terġa' tibgħat l-atti ta' din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi fil-mertu dwar it-talba attriċi";

11. Illi t-talba attriċi fir-Rikors Promotur hija li l-(ewwel) Qorti "tiddikjara l-proċeduri għar-ritorn tat-tifel Kaden Mario Roche mibdija permess tar-rikors numru 10/2015PC fl-ismijiet *Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali vs Rosche (sic) Sharon Rose nee' Bellamy* bħala illegali, irritwali u nulli u għalhekk mingħajr effett legali";

12. Illi qabel ma kienet ingħatat dik is-sentenza u sewwasew waqt is-smigħ tal-15 ta' Ġunju, 2016, l-għaref difensur tal-appellanti kien ressaq verbal quddiem l-ewwel Qorti li fiha kien talab li "*Since the Maltese Courts who have dealt with the question of the return of the minor child Kayden Mario Roche to England have failed to address one fundamental question which is a question of the European Law, the applicant is submitting a question which should be referred to the CJEU in term(s) of Art. 267 of the Treaty (TFEU) th applicant is indicating the question which should be referred to avoid confusion or misapplication of the law in this matter*";

13. Illi l-mistoqsija li l-appellanti riedet li tintbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet verbaliżżata wkoll fl-imsemmi verbal b'dan il-mod: "*Does the Appliction of Art. 12 of the Council Regultion (EC) no. 2201 of the 27$^{th}$ November 2003 have the effect of superseding and excluding the provisions of Articles 10 and 11 of the Said Regulation to the extent that, once the jurisdiction of the Courts of a Member State has been accepted expressly or otherwise in an*

*unequivocal manner by all the parties to the proceedings at any time the court is seized, and is in the best interest of the child as provided by Art. 12 of the same Regulation, to such an extent that if proceedings are instituted at the instance of one of the parties who has accepted the jurisdiction of (recte: "as") aforesaid for the return of the child under Articles 10 and 11 of the said Council Regulation to a Member State which is allegedly the state of the 'habitual residence' of the child and do such return proceedings become irrelevant, superfluous and therefore are to be stayed and become without legal effect?*";

14. Illi l-ewwel Qorti kienet ħalliet il-kawża biex tiddeċiedi kemm dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat u kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, dwar it-talba tal-attriċi (l-appellanti) għar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja. Minħabba li s-sentenza appellata laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat, ma qisitx it-talba għar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja;

15. Illi din il-Qorti jidhrilha li, f'dan il-qafas li fih tinsab il-kawża, it-talba magħmula mill-appellanti ma jistħoqqilhiex tintlaqa' u ma tkun tal-ebda fejda jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawża;

16. Illi l-artikolu 267 tat-Trattat jgħid li riferenza preliminari tista' jew għandha ssir biss meta quddiem qorti nazzjonali tqum kwistjoni dwar it-tifsir tat-Trattati tal-Unjoni jew dwar is-siwi jew it-tifsir ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni. Il-kwestjoni li dwarha l-appellanti ressqet dan l-appell tagħha mis-sentenza tal-ewwel Qorti hija dik dwar jekk huwiex minnu li din l-azzjoni tagħha hija milquta mill-ġudikat. Din hija kwestjoni proċedurali li ma tolqot jew tħaddem l-ebda tifsir tat-Trattati jew l-atti Komunitarji. Minbarra dan, kif ingħad qabel, ma hemm l-ebda aggravju ieħor li fuqu l-appellanti ssejjes l-appell tagħha jekk mhux dak li tgħid li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

17. Illi għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li biex tqis sewwa u kif imiss is-siwi tal-appell imressaq quddiemha, ma jeħtiġilha l-ebda direzzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas se jkollha tidħol fil-kwestjoni msawra bil-mistoqsija mitluba mill-appellanti. Għall-kuntrarju, din il-Qorti tqis li tkun qiegħda xxekkel għal xejn il-mixi 'l quddiem tal-kawża li kieku kellha toqgħod għat-talba tal-appellanti. L-istħarriġ li għandha tagħmel din il-Qorti biex tiddeċiedi dwar l-appell imressaq mill-appellanti huwa dak dwar liġi proċedurali nazzjonali u mhux kwestjoni dwar Dritt Komunitarju jew it-tħaddim ta' liġi li timplimenta liġi tal-Unjoni Ewropea[6];

[6] Ara Kost. **15.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Tarek Mohammed Ibrahim vs Viċi Prim Ministru et***

18. Illi dan ifisser ukoll li l-kwestjoni tal-mertu tal-appell – jiġifieri l-elementi tal-ġudikat – ma taqax fil-kompetenza jew fis-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja u b'hekk ma jiswa xejn li din il-Qorti tibgħat il-mistoqsija lil dik il-Qorti li, tkun xi tkun it-tweġiba tagħha, ma tistax tagħti direzzjoni lil din il-Qorti dwar il-kwestjoni fil-mertu;

19. Illi l-Qorti ma taqbel xejn mal-allegazzjoni magħmula mill-appellanti fir-Rikors tagħha meta tgħid li l-ewwel Qorti kienet qatgħetha li ma tirreferix il-mistoqsija b'rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja. Li kieku tabilħaqq dan kien il-każ, l-appellanti kienet mistennija li tressaq ilment formalment jew aggravju fir-Rikors tal-Appell. Dan m'għamlitux, u m'għamlitux mhux għaliex qablet mal-ewwel Qorti li r-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jsirx, imma għaliex din il-kwestjoni l-ewwel Qorti ma qatgħethiex. U ladarba ma qatgħethiex, ma setax isir appell minn kwestjoni li baqgħet mhux maqtugħa[7]. Wara kollox, jidher li l-appellanti nnifisha nsiet li, fir-Rikors tal-Appell tagħha, diġa' stqarret[8] li dwar it-talba tagħha għar-rinviju, l-ewwel Qorti kienet astjeniet milli tqisha;

20. Illi, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, dan kollu juri li, tgħid x'tgħid l-appellanti f'dan ir-Rikors tagħha li l-kwestjoni tat-tifsir tad-Dritt Komunitarju hija waħda li tagħmel mill-kwestjoni li dwarha ressqet l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, ma huwiex la tajjeb u lanqas mistħoqq. Kif ingħad qabel, l-appell huwa dwar jekk l-ewwel Qorti sabitx sewwa meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat u huwa dwar dan biss li din il-Qorti hija mitluba li tiddeċiedi;

21. Illi dwar is-sottomissjoni tal-appellanti li l-ewwel Qorti ma messhiex qatgħet dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat qabel ma iddeċidiet dwar it-talba tagħha għar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, din il-Qorti ftit għandha x'tgħid ħlief li l-appell sar fuq dak li l-ewwel Qorti iddeċidiet u qatgħet u din il-Qorti ma tistax minn rajha tistħareġ u taqta' dwar ħaġ'oħra għajr dak li ntalab fir-Rikors tal-Appell;

22. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-appellanti kif magħmula fir-Rikors tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2017, bl-ispejjeż ta' dan l-episodju kontra tagħha.

**Moqrija**

[7] Art. 235 tal-Kap 12
[8] Ara paġ. 143 tal-Atti tal-Appell

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph R Micallef** | **Mark Chetcuti** | **Robert G Mangion** |
| **Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**16 ta' Jannar, 2018**